



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 123/25

Il-Lussemburgu, 16 ta' Settembru 25

### Savvas Papasavvas elett mill-ġdid Viċi President tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tiġid parżjali tal-Membri tal-Qorti Ġeneral 1, Savvas Papasavvas ġie elett mill-ġdid Viċi President tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn is-16 ta' Settembru 2025 u l-31 ta' Awwissu 2028.

#### **Curriculum vitae ta' Savvas Papasavvas**

Imwiedel fl-1969 f'Nikosija (Ċipru), Savvas Papasavvas studja fl-Ethnikó kai Kapodistriakó Panepistímio Athinón (I-Università nazzjonali u ta' Kapodistrias ta' Ateni, il-Greċja) u hemmhekk kiseb l-ekwivalenti ta' master fid-dritt (Ptychion) fl-1991. Huwa kompla l-istudji ta' dottorat fl-université de Paris II (I-Università ta' Pariġi II, Franza) li fl-1992 tagħtu diploma ta' studji approfonditi fid-dritt pubbliku. Fl-1995, wara l-istudji tiegħu ta' dottorat fl-université d'Aix-Marseille III (I-Università ta' Aix-Marseille III, Franza), huwa kiseb it-titolu ta' dottorat fid-dritt.

Wara li ġie ammess fil-Kamra tal-Avukati ta' Ċipru, membru tal-Kamra tal-Avukati ta' Nikosija mill-1993, S. Papasavvas kompla l-karriera tiegħu ta' avukat sal-ħatra tiegħu mal-Qorti Ġenerali fl-2004.

Huwa ddedika ruħu wkoll għat-tagħlim fil-Panepistímio Kýprou (I-Università ta' Ċipru) fil-kwalită tiegħu ta' lettur mill-1997 sal-2002, qabel ma ġie elett hemmhekk bħala lettur anzjan fid-dritt kostituzzjonali mill-2002 sal-2004.

S. Papasavvas inħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Mejju 2004 fejn żgura l-funzjonijiet ta' President ta' Awla fl-okkażjoni ta' żewġ mandati konsekuttivi, mill-15 ta' Settembru 2010 sal-25 ta' Settembru 2016. Ġie elett Viċi President tal-Qorti Ġeneral minn sħabu fis-27 ta' Settembru 2019 u huwa f'din il-kwalită li jservi fil-Qorti Ġenerali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit (✉ (+352) 4303 3355).

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 121/25](#) tal-15 ta' Settembru 2025.